MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1096/2011

**Joseph Agius**

**vs**

**Emanuel Agius**

l-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur fl-ismijiet fuq indikati datat it-8 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu wara li r-rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi hu jigi missier l-intimat;

2. Illi fl-Settembru 1986 ir-rikorrenti kien dahal fi trattattivi ma' John Tanti biex jixtri garaxx bl-ambjenti mieghu u sottopost ghal beni ta' terzi, minghajr numru, fi Sliema Road, il-Gzira;

3. Illi l-partijiet indikati fil-paragrafu ta’ qabel, kienu ftiehmu fuq il-kompravendita` in dizamina ghall-prezz ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00);

4. Illi r-rikorrenti kien ftiehem maz-zewgt uliedu Martin u Emanuel, (l-intimat), biex il-garaxx jigi mixtri f’isimhom it-tnejn bhala prestanome ghar-rikorrenti;

5. Illi permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor George Bonello du Puis datat id-29 ta’ Settembru, 1986, l-imsemmija ntimat u huh akkwistaw il-proprjeta` in dizamina ghall-prezz fuq indikat, liema prezz gie mhallas kollu mir-rikorrenti;

6. Illi meta r-rikorrenti talab lill-intimat u lil huh fuq indikat biex jitrasferixxu l-fond de quo lil terz minnu ndikat, l-intimat oggezzjona nonostante li huh kien accetta;

7. Illi nonostante li l-intimat kien interpellat diversi drabi ohra biex jitrasferixxi l-fond de quo kif mitlub, dan baqa’ inadempjenti;

8. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellu jirrikorri ghall-procedura odjerna biex jitlob lill-qorti:

i. Tiddikjara lill-intimat flimkien ma’ huh Martin, akkwistaw il-garaxx fuq indikat kif fuq intqal, f’isem u fl-interess tar-rikorrenti;

ii. Tikkundanna lill-intimat jitrasferixxi favur ir-rikorrenti jew terzi minnu ndikati kull interess u sehem li hu ghandu fl-imsemmi garaxx – u dan, fi zmien qasir u perentorju li din il-qorti tiffissa;

iii. Tahtar Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att nutarili relattiv fil-jum, hin u post li din il-qorti joghgobha tiffissa, kif ukoll kuraturi deputati biex jidhru f’isem ir-rikorrenti f’kaz li jonqos li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt de quo;

iv. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat il-verbal tal-intimat Emanuel Agius datat it-18 ta’ Jannar, 2012, li permezz tieghu nforma lill-qorti li ma kienx ser jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimat datata l-11 ta’ Lulju, 2012, li permezz taghha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fil-konfront tieghu;

Illi in vista tal-imsemmija ammissjoni tal-intimat din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li:

1. Tiddikjara li l-intimat Emanuel Agius u huh Martin Agius, akkwistaw il-garaxx meritu ta’ din il-procedura fuq indikat permezz ta’ kuntratt datat id-29 ta’ Settembru, 1986, in atti tan-Nutar Dottor George Bonello du Puis, u dan, bl-ambjenti mieghu, u sottopost ghal beni ta’ terzi, bla numru, fi Sliema Road, il-Gzira;

2. Tikkundanna lill-intimat Emanuel Agius jitrasferixxi a favur ir-rikorrenti Joseph Agius jew it-terzi minnu ndikati, kull interess u kull sehem li l-istess intimat ghandu fil-garaxx imsemmi, u dan fi zmien xahrejn mil-lum;

3. Tahtar lin-Nutar Dottor Jean Carl Debono biex jippubblika l-att notarili relattiv fi zmien xahrejn mill-iskadenza ndikata fil-paragrafu precedenti, u zewg Deputati Kuraturi skont it-turn biex jidhru f’isem l-intimat Emanuel Agius jekk dan jonqos jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt;

4. Bl-ispejjez kollha, kemm ta’ din il-procedura kif ukoll tal-eventwali kuntratt, kontra l-intimat Emanuel Agius.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------